PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2010/0277(NLE)

21.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri
(COM(2010)0523 – C7-0397/2010 – 2010/0277(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: David Casa

Magħquda fid-diversità

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-isfond

Fid-29 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett leġiżlattiv bl-għan li tissaħħaħ il-governanza ekonomika fl-UE u fiż-żona tal-euro. Il-pakkett huwa magħmul minn sitt proposti: erbgħa minnhom jittrattaw kwistjonijiet fiskali, inkluża riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP), filwaqt li żewġ regolamenti ġodda għandhom l-għan li jidentifikaw u jindirizzaw żbilanċi makroekonomiċi emerġenti fi ħdan l-UE u fiż-żona tal-euro.

Il-Kummissjoni tipproponi li tissaħħaħ il-konformità tal-Istati Membri mal-SGP u li jiżdied il-koordinament bejn il-politiki fiskali. Taħt l-hekk imsejħa fergħa preventiva tal-SGP, ir-Regolament eżistenti (KE) Nru 1466/97 dwar "it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinament ta' politika ekonomika" huwa emendat sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jimxu ma' politiki fiskali 'prudenti' fi żminijiet tajbin biex jinbena mezz biex jilqa' għal żminijiet ħżiena. Barra minn hekk, taħt l-hekk imsejħa fergħa korrettiva, qed jiġu proposti emendi għar-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar l-"implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv" sabiex jiġi żgurat li l-iżviluppi li jirrigwardaw id-dejn jiġu segwiti iktar mill-qrib u jitqiegħdu fuq livell ugwali mal-iżviluppi li jirrigwardaw id-defiċits.

Minbarra dan, qed tiġi proposta Direttiva li tintroduċi rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri biex tiġi mħeġġa r-responsabilità fiskali billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-oqfsa fiskali nazzjonali u billi jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-obbligi skont it-Trattat. Biex jiġu appoġġati dawn it-tibdiliet fil-fergħat preventivi u korrettivi tal-SGP, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' infurzar għall-Istati Membri li jagħmlu parti miż-żona tal-euro.

Osservazzjonijiet

Dan l-abbożż ta' opinjoni jirrigwarda l-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, ir-rapporteur tagħkom jilqa' l-proposti li jitressqu biex jiġi żgurat titjib fl-oqfsa fiskali nazzjonali u biex l-Istati Membri jitħeġġu jagħmlu deċiżjonijiet fiskali aħjar fil-futur. B'mod partikolari, il-proposti għal rappurtar statistiku aħjar ta' data fiskali huma meħtieġa sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-esperjenza riċenti f'xi Stati Membri. Bl-istess mod, il-proposti għal uffiċċji baġitarji indipendenti, regoli fiskali nazzjonali u bbaġitjar pluriennali obbligatorju għandhom jgħinu wkoll biex tiġi pprovduta stabilità fiskali ikbar.

Madankollu, ir-rapporteur tagħkom jikkunsidra li ċerti kjarifiki u modifiki huma neċessarji u għalhekk jipproponi emendi biex jiġu indirizzati dawn l-aspetti li ġejjin:

- L-għan ġenerali ta' din il-proposta għandu jkun marbut b'mod ċar mal-objettivi ewlenin tal-UE, u b'mod partikolari mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9 TFUE relatati mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. Importanti wkoll li r-regoli mressqa biex jiġi żgurat titjib fl-oqfsa fiskali nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-koordinament tal-politika.

- Ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali mhux biss għandhom jiżguraw li l-ippjanar fiskali tal-Istati Membri jkun ibbażat fuq previżjonijiet realistiċi, iżda għandhom jiżguraw ukoll li tingħata l-attenzjoni xierqa fir-rigward tas-sostenibilità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali rispettivi tagħhom, fosthom is-sistemi ta' pensjoni u kura tas-saħħa.

- Ir-rekwiżiti tal-oqfsa baġitarji nazzjonali għandhom jitfasslu wkoll b'tali mod li jħeġġu lill-Istati Membri, u jħallulhom spazju ta' manuvrar fir-rigward ta' investimenti pubbliċi orjentati lejn l-iżvilupp, bħalma huma dawk fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi tal-UE rigward it-tkabbir u l-impjiegi.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hemm il-ħtieġa li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-aħħar għaxar snin ta' funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja. L-iżviluppi ekonomiċi riċenti ħolqu sfidi ġodda għat-tmexxija tal-politika fiskali madwar l-Unjoni u b'mod partikolari enfasizzaw il-ħtieġa għal rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li jiffurmaw l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod partikolari huwa meħtieġ li jkun speċifikat x'iridu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv annessa għat-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 *tiegħu*.	(1) Hemm il-ħtieġa li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-aħħar għaxar snin ta' funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja. L-iżviluppi ekonomiċi riċenti ħolqu sfidi ġodda għat-tmexxija tal-politika fiskali madwar l-Unjoni u b'mod partikolari enfasizzaw il-ħtieġa għal rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li jiffurmaw l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod partikolari huwa meħtieġ li jkun speċifikat x'iridu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv annessa għat-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 *TFUE****, u mal-impenn tagħhom li jimplimentaw l-istrateġiji u l-għanijiet politiċi adottati mill-Kunsill Ewropew***.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi li fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiżiti b'rabta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 1 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Il-Kunsill Ewropew, li ltaqa' fis-17 ta' Ġunju 2010, adotta strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, l-Istrateġija Ewropa 2020, sabiex tippermetti lill-Unjoni toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi, u biex iddawwar l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien ma' livell għoli ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Il-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li fl-1 ta' Jannar 2011 iniedi s-Semestru Ewropew għall-koordinament tal-politika li jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw minn koordinament bikri fil-livell tal-Unjoni u li jippermetti s-sorvelljanza msaħħa u l-evalwazzjoni simultanja kemm ta' miżuri baġitarji, kif ukoll riformi strutturali, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-Istati Membri għandhom jevitaw politiki fiskali proċikliċi u l-isforzi ta’ konsolidazzjoni fiskali għandhom ikunu akbar fi żminijiet tajba. Regoli fiskali numeriċi speċifikati tajjeb għandhom iwasslu għal dawn l-objettivi.	(13) L-Istati Membri għandhom jevitaw politiki fiskali proċikliċi u l-isforzi ta’ konsolidazzjoni fiskali għandhom ikunu akbar fi żminijiet tajba. ***L-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali għandhom iħallu spazju ta' manuvrar, b'mod partikolari fir-rigward ta' investiment pubbliku li jwassal għall-kisba tal-objettivi tal-UE rigward it-tkabbir u l-impjiegi.*** Regoli fiskali numeriċi speċifikati tajjeb għandhom iwasslu għal dawn l-objettivi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-bżonn li tiġi stabbilita rabta aktar b'saħħitha bejn il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-istrumenti makroekonomiċi, il-linji gwida integrati u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali billi jiġu ppreżentati b'mod koerenti, jirrikjedi aktar komparabilità ta' baġits nazzjonali f'termini ta' nfiq f'kategoriji differenti permezz ta' mudell li għandu jinħoloq mill-Kummissjoni.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli ddettaljati rigward il-karatteristiċi tal-oqfsa	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli ddettaljati rigward il-karatteristiċi tal-oqfsa

bağitarji tal-Istati Membri li huma meħtieġa biex tkun żgurata l-effikaċja tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

bağitarji tal-Istati Membri li huma meħtieġa biex tkun żgurata ***komparabilità tal-bağits nazzjonali u*** l-effikaċja tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv ***u monitoraġġ xieraq tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-għanjiet politiċi li waqqfu huma stess***.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-arranġamenti għall-analiżi biex tisseddaq it-trasparenza tal-elementi ***tal-proċess*** tal-bağit, inkluż fost l-oħrajn il-mandat tal-uffiċċji tal-bağit nazzjonali indipendenti jew l-istituzzjonijiet li jaġixxu fil-qasam tal-politika bağitarja;	(f) l-arranġamenti għall-analiżi biex tisseddaq it-trasparenza ***u l-komparabilità*** tal-elementi ***tal-kompożizzjoni u l-proċess*** tal-bağit, inkluż fost l-oħrajn il-mandat tal-uffiċċji tal-bağit nazzjonali indipendenti jew l-istituzzjonijiet li jaġixxu fil-qasam tal-politika bağitarja;

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ippjanar fiskali huwa bbażat fuq tbassir makroekonomiku u bağitarju realistiku permezz tal-aktar informazzjoni aġġornata. L-ippjanar bağitarju għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli jew fuq xenarju aktar prudenti li jenfasizza fid-dettall id-devjazzjonijiet mix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli. It-tbassir makroekonomiku u bağitarju għandu jitħejji billi jitqies kif jixraq it-tbassir tal-Kummissjoni. Id-differenzi bejn ix-xenarju makrofiskali magħżul u t-tbassir tal-Kummissjoni għandhom jiġu spjegati.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ippjanar fiskali huwa bbażat fuq tbassir makroekonomiku u bağitarju realistiku permezz tal-aktar informazzjoni aġġornata ***u filwaqt li titqies kif xieraq is-sostenibilità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, fosthom is-sistemi ta' pensjoni u kura tas-saħħa***. L-ippjanar bağitarju għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli jew fuq xenarju aktar prudenti li jenfasizza fid-dettall id-devjazzjonijiet mix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli. It-tbassir makroekonomiku u bağitarju għandu jitħejji billi jitqies kif jixraq it-tbassir tal-Kummissjoni. Id-differenzi bejn ix-xenarju

	makrofiskali magħżul u t-tbassir tal-Kummissjoni għandhom jiġu spjegati.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali multiannwali, li jinkludi l-ħarsien tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju.	(b) l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali multiannwali, li jinkludi l-ħarsien tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju***, filwaqt li jitqies kif dovut l-Artikolu 9 TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u tal-objettivi tal-Unjoni rigward it-tkabbir u l-impjiegi***.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Il-Kummissjoni għandha toħroġ mudell għall-baġits nazzjonali li jipprovdi għal komparabilità f'termini ta' nfiq f'kategoriji differenti.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas baġitarju effettiv għal perjodu ta' żmien medju li jipprevedi l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali ta' mill-inqas tliet snin biex ikun żgurat li l-ippjanar fiskali nazzjonali jsegwi perspettiva ta'	1. ***Filwaqt li jqisu l-mudell tal-Kummissjoni,*** l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas baġitarju effettiv għal perjodu ta' żmien medju li jipprevedi l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali ta' mill-inqas tliet snin biex ikun żgurat li l-ippjanar fiskali nazzjonali jsegwi

ppjanar fiskali multiannwali.	perspettiva ta' ppjanar fiskali multiannwali.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) dikjarazzjoni rigward il-prijoritajiet tal-gvern għal perjodu ta' żmien medju mqassma skont is-suġġetti ta' dħul u ħruġ maġġuri, u skont is-subsetturi tal-amministrazzjoni pubblika, li juru kif sejjer jinkiseb l-aġġustament lejn l-objettiv baġitaju għal perjodu ta' żmien medju meta mqabbel mal-projezzjonijiet skont il-politiki mingħajr tibdil.	(c) dikjarazzjoni rigward il-prijoritajiet tal-gvern għal perjodu ta' żmien medju mqassma skont is-suġġetti ta' dħul u ħruġ maġġuri, u skont is-subsetturi tal-amministrazzjoni pubblika, li turi kif sejjer jinkiseb l-aġġustament lejn l-objettiv baġitarju għal perjodu ta' żmien medju meta mqabbel mal-projezzjonijiet skont il-politiki mingħajr tibdil ***u kif se jinkiseb il-progress lejn l-għanijiet politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew***.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 –: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Őry, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Sven Giegold, Gesine Meissner, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Liam Aylward, Fiona Hall, Jacek Włosowicz